**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 1296/2010 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**vs**
**Stephen Spiteri**

**Illum 16 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stephen Spiteri, detentur ta' karta tal-identita' Maltija numru 75186M.

Akkuzat talli fl-Ghadira, limiti tal-Mellieha, f'Awwissu 2007 wettaq attentat vjolent ghall-pudur ta' Marie-Nicola Thompson li kellha 17-il sena:

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna indikat u tal-familja taghha ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 2 ta' Dicembru, 2010 quddiem dak iz-zmien Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', kunsens tal-Avukat Generali, fedina penali, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, stqarrija datata 29 ta' Novembru, 2010, discharge medical report immarkat bhala Dok AL,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Mary Nicola Thompson, Kerry Tingle, Angela Lores.

Semghet l-imputat jixhed b'mod volontarju fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza u cioe' lil Carmel Cilia u Emiliana Micallef.

**Nicola Thompson**, tghid li kienet giet mal-familja taghha ghal btala hawn Malta fl-2007. Tispjega li hi flimkien ma hutha kienu krew dghajsa u fuq din id-dghajsa kien hemm anke l-imputat li kien qabada minn dirghajha u poggiha fl-ilma u pprova jifthilha l-bra. Tghid li osservat lill-imputat ikellem lil xi nies li kienet taf hi, u ghalhekk meta tela' fuq il-paddleboat, hi ma rat xejn hazin fiha. Tikkonferma li taf li Arthur Micallef huwa l-kugin ta' ommha u li ma kienitx taf li l-imputat kien ghaddej minn separazzjoni f'dan iz-zmien. Jumejn wara dan l-incident, kellha tiddahhal l-isptar minhabba li telghala "rash" ma wiccha u nzammet l-isptar ghal ftit jiem. Lit-tabib ma qaltlu xejn dwar dan l-incident. Tikkonferma li r-rapport sar minn ommha u sar wara certu zmien minhabba li ma riditx tibqa' tibza' tigi Malta.

**Kerry Tingle**, tghid li hija oht Nicola Thompson u fl-2007 kienet giet flimkien ma hutha ghal btala gewwa Malta. Kienu joqghod go appartament self-catering gewwa Bugibba. Tghid li l-familja taghha kienu marru go karavan peress li kien se jsir BBQ u gew introdotti minn zijuhom Arthur Micallef, man-nies l-ohra li kien hemm. Hutha z-zghar xtaqu jirkbu l-paddleboat u ghalhekk ommhom tathom il-flus sabiex jirkbu dan il-paddleboat u apparti l-ahwa, mar anke l-imputat li rikeb l-istess paddleboat. Kerry Tingle tghid li l-imputat prova jmissha u hi mbuttatu. L-imputat umbghad mar fuq

ohtha z-zghira Louise u rnexxielu jnizzilha fl-ilma u avolja xtaqu jmorru lura lejn familthom, l-imputat ma hallihomx. L-ahwa ppruvaw jghinu lill-ohtom Louise u fl-ahhar irnexxielhom idawru l-paddleboat u jmorru lura. Tikkonferma li taf li Emilia Micallef kienet mizzewga lil Joseph Micallef li jigi t-tifel taz-ziju taghha Arthur.

**Angela Lores**, tikkonferma li fl-2007 kienet giet mal-familja ghal btala gewwa Malta u kienu jirrisjedu go appartament self-catering. Hija giet introdotta mal-imputat mill-kugin taghha Joseph Micallef meta kienu mistednin gewwa l-caravan taghhom. Tikkonferma li t-tfal xtaqu jirkbu l-paddleboat u kien l-imputat li offra li jiehodhom. Marie u Kerry kienu semmewla li kien gara xi haga fuq dan il-paddleboat, izda ma dahlux fid-dettall. Tispjega li Maie kellha tiddahhal l-isptar ghaliex telghalha "rash" f'wiccha.

**Stephen Spiteri**, jikkonferma li ghal habta ta' Awwissu 2007 kien mar bhalma gieli kien jghamel fejn iz-zija tieghu u fejn Carmel Cilia gewwa l-caravan taghhom, u ha erbat ifniek u zewg fliexken inbid sabiex iqatta l-gurnata maghhom. Gieli kien jinzel wahdu u gieli kienu jiehu t-tfal mieghu. Peress li kien se jkun hemm Arthur Micallef u dan tal-ahhar u l-imputat ma jitkelmux, l-imputat u Carmel Cilia marru gewwa bar fil-vicinanzi jixorbu l-birra sabiex ma jinqalax inkwiet. Jikkonferma li lil Marie Nicole Thompson u Kerry Tingle rahom l-ewwel darba gewwa l-awla. Jinnega li qatt tela' fuq paddleboats ma dawn it-tfajliet. Jispjega li Emiliana Micallef hija l-partner tieghu llum u tigi kugina jew sekonda kugina ma dawn l-Inglizi u hekk kif beda johrog maghha, sar dan ir-rapport.

**Carmel Cilia**, jigi z-ziju tar-rispett tal-imputat. Jghid li kien jikkampja ta' spiss fil-karavan li kien ikun vicin il-Mellieha Bay Hotel. Jghid li l-imputat gieli kien jigi mal-mara u mat-tfal izda mbghad kellu xi problemi u beda' jigi hu mat-tfal. L-imputat ghandu tlett ibniet. Stephen Spiteri kien icempel lil Carmel Cilia biex jara jekk jistax imur hdejh fil-karavan u meta kien imur, kien jiehodlu l-fniek biex isajruhom. Jinnega li li Stephen Spiteri gie ntrodott minn Arthur Micallef, stante li dawn lanqas biss jitkellmu bejniethom. Jispjega li taqta' l-hin li Stephen Spiteri kellu jitlaq sabiex jaqdi l-bzonnijiet tieghu, baqa' l-hin kollu fil-kumpanija ta' Carmel Cilia mill-11 a.m. sa xi 6:00 p.m. Jinnega li Stephen Spiteri mar fuq xi paddleboat.

**Emiliana Micallef**, tghid li hi u r-ragel taghha Robert Micallef kienu jinzlu l-Ghadira jqattghu gimgha fil-caravan taghhom. Tikkonferma li f'okkazzjoni darba biss, kienu gew dawn it-tfajliet Inglizi jqattghu gurnata maghhom pero' tinnega li qatt rathom mal-imputat. Tikkonferma li l-imputat flimkien ma Carmel Cilia telqu hekk kif gie Arthur Micallef, jixorbu gewwa xi bar fil-vicinanz, stante li l-imputat u Arthur Micallef ma jitkelmux. Tinnega li qatt rat lil dawn it-tfajliet fuq paddleboat.

Rat li din il-Qorti kif presjeduta, bdiet tisma' din il-kawza fil-25 t'Ottubru, 2017.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat jinsab akkuzat li ghamel attendat vjolenti ghall-pudur ta' Marie Nicola Thompson. Dan il-fatt hu allegat li gara f'Awwissu 2007 filwaqt li hija kellha sbatax (17)-il sena u l-imputat kellu hamsa u tletin (35) sena.

L-akkuza hija ristretta ghall-attentat vjolenti ghall-pudur. Dwar f'hiex kien jikkonsisti dan l-attentat, is-soggett passiv ma tispjegax f'termini cari. Jista' biss jigi intuwit li kienet qeghda talludi ghall-fatt li l-imputat ittenta jmissilha sidirha billi jiftah il-parti ta' fuq tal-malja ta' l-ghawm taghha, li l-Qorti qeghda tippresumih mill-kliem, *"his hands down to open my bra!!".* Fl-istess vena hija x-xhieda ta' ohtha ta' sentejn akbar minnha li pjuttost taghti l-impressjoni ta' loghob inkejjuz bejn persuni ta' dik l-eta'.

Skond dawn ix-xhieda dan gara fuq *paddle boat* li kienet inkriet ghal dak il-hin, liema fatt tal-kiri tikkonfermah omm ix-xhieda.

L-imputat, da parti tieghu, anke ikkorrabora minn xhieda li pproduca in difesa tieghu, jistqarr li minn dan kollu ma gara xjen. Anzi insista li lil dawn ix-xhieda huwa ma jafhomx u kien rahom dik id-darba wahda biss fil-kumpanija ta' kuginuh, li mieghu kien miksur, u liema kugin kien tella' kamp metri boghod minn fejn kien hu fil-kamp iehor ta' nanntu li kien jiffrekwenta ta' sikwit.

Dan l-allegat incident sehh l-Ghadira.

Intant il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti u kuntradittorji ghal xulxin u wara li evalwat attentament ix-xhieda u c-cirkostanzi, partikolarment ix-xhieda ta' l-allegata vittma u ohtha, u wara li kkunsidrat iz-zmien li kien ghadda bejn l-allegat misfatt u meta sar ir-rapport u fuq kollox ir-raguni li nghatat biex jigi spjegat tali dewmien, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni wahda ossija dik li temmen il-verzjoni ta' l-imputat u x-xhieda minnu prodotta.

**Decide:**

Ghaldaqstant ghall-motivi hawn fuq deskritti, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**